NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 703

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, is-17 ta' Lulju, 2014 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 691 tas-17 ta' Lulju, 2014, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-17 ta' Lulju, 2014
(OPM/81/2013/VII)

GOVERNMENT NOTICES

No. 703

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 17th July, 2014 and that the arrangements made by Government Notice No. 691 of the 17th July, 2014, ceased to have effect accordingly.

17th July, 2014

Nru. 704

IL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Delega ta' Ċerti Setgħat dwar is-Servizz Pubbliku

MILL-ONOREVOLI Dott. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com, B.A.(Hons), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., Prim Ministru.

BILLI l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li s-setgħa biex ineħħi u biex jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'karigi pubbliċi tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-istess artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kull waħda mis-setgħat hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-25 ta' Marzu, 1966, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'xi kariga fil-Korp tal-Pulizija;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat is-17 ta' Diċembru, 1996, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'kull waħda mill-kariga fil-gradi tas-Servizzi Korrettivi, sakemm ma jkunx fil-grad ta' Direttur, Servizzi Korrettivi;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat l-1 ta' Novembru, 1999, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b' Dokument ta' Delega datat il-21 ta' Diċembru, 2004, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega liċ-*Chief Executive Officer* ta' *Heritage Malta* s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) fuq l-uffiċjali pubbliċi li jkunu allokati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom ma' *Heritage Malta;*

U BILLI il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li d-Dokumenti hawn fuq imsemmija għandhom ikunu sostitwiti bid-delega ta' setgħat kif indikat hawn taħt;

U BILLI il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq l-uffiċjali pubbliċi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (S.L.Kost.03) għandhom jiġu eżerċitati mingħajr l-ebda referenza għal Kummissjoni mill-uffiċjali pubbliċi jew awtoritajiet elenkati fl-Iskeda ma' dan id-Dokument, sal-limitu hemm indikat fl-istess Skeda u bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet speċjali f'dan ir-rigward, iżda –

(i) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' f'kull ħin tirrakkomanda lill-Prim Ministru sabiex dan id-Dokument ikun kollu kemm hu rtirat jew ikun irtirat għar-rigward ta' uffiċjali pubbliċi partikolari jew xi awtorità oħra; u

(ii) meta ssir rakkomandazzjoni bħal din, u sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuq rakkomandazzjoni bħal din, is-setgħa delegata permezz ta' dan id-Dokument għanda tkun sospiża kollha kemm hi, jew sospiża biss għar-rigward xi uffiċjali pubbliċi partikolari jew awtoritajiet, kif jista' jkun stipulat fir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

U BILLI jien naqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIEN, JOSEPH MUSCAT, K.U.O.M., B.COM, B.A. (HONS), M.A. (EUROPEAN STUDIES), Ph.D. (BRISTOL), M.P., PRIM MINISTRU, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data hawn taħt imsemmija s-setgħat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandhom ikunu eżerċitati mill-uffiċjali pubbliċi jew l-awtoritajiet l-oħra elenkati fl-iSkeda ma' dan id-Dokument u għandhom ikunu hekk eżerċitati mill-imsemmija uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet l-oħra, sal-limitu li hemm fl-imsemmija Skeda u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fiha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(Iff) Joseph Muscat
MOGĦTI minni
Fil-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta
Illum, it-18 ta' Ġunju, 2014

SKEDA MAD-DOKUMENT TA' DELEGA

L-uffiċjali pubbliċi u awtoritajiet oħra elenkati hawn taħt għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju, skont ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03) u d-Dokument ta' Delega li din l-iSkeda tagħmel parti minnha, mingħajr referenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq uffiċjali pubbliċi fl-oqsma tal-ġurisdizzjoni tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalihom:

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
Segretarju Permanenti Ewlieni	Fil-kapaċità ta' Kap tas-Servizz Pubbliku: (a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tiegħu stess; (b) Segretarji Permanenti, Kapijiet ta' Dipartiment, Diretturi Ġenerali u Diretturi, kif previst fir-regolament 8 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03); (c) uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 2; (d) uffiċjali pubbliċi fi kwalunkwe uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmlux parti minn Ministeru jew dipartiment tal-Gvern, kif previst fir-regolament 9 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03).	—

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
	Fil-kapaċità ta' Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, taħt artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: (a) uffiċjali pubbliċi oħra fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu; (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; (ċ) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (d) uffiċjali pubbliċi fis-segretarjat tal-Prim Ministru u Segretarji Parlamentari li jirrapurtaw lill-Prim Ministru.	Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista' jassenja ġurisdizzjoni fuq kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-dipartimenti li jaqgħu taħtu, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, lis-Segretarji Permanenti maħtura biex jassistuh skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.
Segretarju tal-Kabinett	Uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Kabinett.	—
Segretarji Permanenti	(a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tagħhom stess; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-Ministeru tagħhom u d-dipartimenti li jaqgħu taħthom; (ċ) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru; (d) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt il-Ministeru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (e) uffiċjali pubbliċi fis-segretarjat tal-Ministru u Segretarji Parlamentari li jirrapurtaw lill- Ministeru.	—
Kummissarju tal-Pulizija	Uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali pubbliċi oħra assenjati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali tal-pulizija m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti relevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija. Id-delega ta' awtorità għandha tiġi eżerċitata mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164).
Diretturi Ġenerali, Diretturi, u uffiċjali pubbliċi oħra fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla, minbarra dawk elenkati ximkien ieħor f'din l-Iskeda	Uffiċjali pubbliċi fit-taqsimiet, dipartimenti, direttorati jew uffiċċji tagħhom.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
Diretturi (Servizzi Korporattivi) u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'Ministeru	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tas-Segretarju Permanenti.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'dipartiment	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; u (b) uffiċjali pubbliċi oħra fid-dipartiment tagħhom.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Direttur għas-Servizzi Korrettivi	Uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. Il-pieni dixxiplinarji li ġejjin jistgħu jiġu imposti fuq uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi bħala riżultat ta' proċedura dixxiplinarja taħt l-awtorità delegata: (a) trasferiment dixxiplinarju; (b) multa li ma taqbiżx tlettax-il ġurnata paga; (ċ) iż-żamma ta' inkrement għal perjodu li ma jaqbiżx sena inkrementali waħda; (d) iż-żamma ta' ġranet ta' mistrieħ ta' matul il-ġimgħa, li ma jkunux iżjed minn sebgħa; (e) twiddiba serja; (f) twiddiba; (g) twissija.
Direttur responsabbli mill-Kunsilli Lokali	(a) uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali; u (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
Avukat Ġenerali	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti rilevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Avukat Ġenerali.
Awditur Ġenerali	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti relevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Awditur Ġenerali.
Kmandant, Forzi Armati ta' Malta	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Forzi Armati ta' Malta.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kapijiet Eżekuttivi, jew persuni f'kapaċità ekwivalenti, ta' aġenziji tal-Gvern, entitajiet tal-Gvern, jew korpi pubbliċi oħra minbarra Kunsilli Lokali u entitajiet oħra tal-gvern lokali, minbarra dawk il-Kapijiet Eżekuttivi mniżżla xi imkien ieħor f'din l-iSkeda	Uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra, minbarra Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. Dawn l-istruzzjonijiet jistgħu jirrikjedu lil Kap Eżekuttiv, jew persuna f'kapaċità ekwivalenti li żżomm lis-Segretarju Permanenti infurmat bil-proċeduri dixxiplinarji istitwiti minnu kontra uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Kura Primarja tas-Saħħa	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fil-qasam tas-saħħa primarja.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Sptar Mater Dei	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Mater Dei.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
Kap Eżekuttiv, Sptar ta' Rijabilitazzjoni Karin Grech	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar ta' Rijabilitazzjoni Karin Grech.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħti lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Sptar Monte Carmeli	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Monte Carmeli.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Ċentru tax-Xiri u Proviżjoni għas-Saħħa	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fiċ-Ċentru tax-Xiri u Proviżjoni għas-Saħħa.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Spiżerija tal-Għażla tiegħek	Uffiċjali pubbliċi li jirrappurtaw lill-Kap Eżekuttiv, Spiżerija tal-Għażla tiegħek.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Residenza għall-Anzjani San Vinċenz de Paul	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fir-Residenza għall-Anzjani San Vinċenz de Paul.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Sptar Ġenerali ta' Għawdex	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Amministratur Mediku, Sptar Sir Paul Boffa	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Sir Paul Boffa.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed issetgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew Awtorità	*Qasam tal-Ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet Speċjali*
Kmandanti taċ-Ċentri ta' Detenzjoni	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet f'kull Ċentru ta' Detenzjoni rispettiv.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Manager (Riżorsi Umani), *Environmental Landscapes Consortium Limited*	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-*Environmental Landscapes Consortium Limited*.	Salv għal istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Uffiċjali f'kapaċità ta' superviżjoni (fir-rigward biss tar-regolament 18 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03)	Uffiċjali pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom.	—

No. 704

THE CONSTITUTION OF MALTA

Delegation of Certain Powers
Respecting the Public Service

BY the Honourable Dr Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com, B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., Prime Minister

WHEREAS article 110 of the Constitution of Malta provides that power to remove and to exercise disciplinary control over persons holding or acting in public offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the same article that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the Instrument of Delegation;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 25th March, 1966, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Commissioner of Police certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any office on the Malta Police Force;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 17th December, 1996, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Director, Correctional Services, certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any of the Correctional Services grades other than that of Director, Correctional Services;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 1st November, 1999, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extend indicated therein;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 21st December, 2004, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Chief Executive Officer of Heritage Malta power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, over public officers detailed to perform duties with Heritage Malta;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that the aforementioned Instruments of Delegation should be replaced by the delegation of powers set out hereunder;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to exercise disciplinary control over public officers, in accordance with the provisions of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Regulations (S.L.Const.03), should be exercisable without reference to the Commission by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, provided that –

(i) the Public Service Commission may at any time recommend to the Prime Minister that this Instrument of Delegation be totally withdrawn or withdrawn in respect of particular public officers or other authorities; and

(ii) upon such a recommendation being made, and until the Prime Minister acts upon such a recommendation, the powers delegated by this Instrument shall be suspended totally or only in respect of particular public officers or authorities, as may be stipulated in the recommendation made by the Public Service Commission;

AND WHEREAS I agree with the said recommendation:

NOW, THEREFORE, I, JOSEPH MUSCAT, K.U.O.M., B.COM, B.A. (HONS), M.A. (EUROPEAN STUDIES), Ph.D. (BRISTOL), M.P., Prime Minister, in exercise of the powers conferred by article 110 of the Constitution, do hereby direct that as from the date hereof, the powers which the Public Service Commission has recommended should be exercisable by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument shall be so exercisable by the said public officers and other authorities, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, and in accordance with the provisions of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Regulations.

(Sgd) Joseph Muscat
GIVEN under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta
This 18 day of June, 2014

SCHEDULE TO THE INSTRUMENT OF DELEGATION

The public officers and other authorities listed hereunder shall have the power to exercise disciplinary control, in terms of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Regulations (S.L.Const.03) and the Instrument of Delegation of which this Schedule forms part, without reference to the Public Service Commission, over public officers within their areas of jurisdiction, and subject to the special provisions applicable thereto:

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Principal Permanent Secretary	In the capacity of Head of the Public Service: (a) public officers in his own office; (b) Permanent Secretaries, Heads of Department, Directors General and Directors, as provided for by regulation 8 of S.L.Const.03; (c) public officers in salary scale2; (d) public officers in any office or establishment which does not form part of a ministry or department of Government, as provided for by regulation 9 of S.L.Const.03.	—

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
	In the capacity of Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, under article 13(5) of the Public Administration Act: (a) other public officers in the Office of the Prime Minister and its subordinate departments; (b) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the Prime Minister; (c) public officers formerly belonging to the Office of the Prime Minister or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (d) public officers in the secretariat of the Prime Minister and any Parliamentary Secretaries reporting to the Prime Minister.	The Principal Permanent Secretary may assign jurisdiction over any categories of public officers in the Office of the Prime Minister, its subordinate departments, and entities falling thereunder, to any Permanent Secretaries who are appointed to assist him in accordance with the proviso to article 13(5) of the Public Administration Act.
Secretary to the Cabinet	Public officers in the Cabinet Office.	—
Permanent Secretaries	(a) Public officers in their own offices; (b) other public officers in their ministry and its subordinate departments; (c) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the ministry; (d) public officers formerly belonging to the ministry or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (e) public officers in the secretariat of the Minister and any Parliamentary Secretaries in the ministry.	—
Commissioner of Police	Police officers and any other public officers assigned to the Malta Police Force.	Powers of Head of Department with respect to police officers shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Commissioner of Police. Delegated authority shall be exercised by the Commissioner in accordance with the relevant provisions of the Police Act (Cap. 164).
Directors General, Directors, and other public officers in salary scale 4 or higher, save those listed elsewhere in this Schedule	Public officers in their divisions, departments, directorates or offices.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Directors (Corporate Services) and any other public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for human resource management, corporate services or administration across a Ministry	(a) Public officers in their own directorates or offices; (b) other public officers within the area of jurisdiction of the Permanent Secretary.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for human resource management, corporate services or administration across a department	(a) Public officers in their own directorates or offices; and (b) other public officers in their department.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Director of Correctional Services	Public officers in the Correctional Services Department.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers. The following disciplinary penalties may be imposed on public officers in the Correctional Services Department as a result of disciplinary proceedings under delegated authority: (a) disciplinary transfer; (b) a fine not exceeding thirteen days' pay; (c) deferment of increment for a period not exceeding one incremental year; (d) stoppage of weekly rest days, not exceeding seven; (e) severe reprimand; (f) reprimand; (g) caution.
Director responsible for Local Councils	(a) Public officers in the Local Government Department; and (b) Public officers assigned to Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Attorney General	Public officers assigned to the Office of the Attorney General.	Powers of Head of Department with respect to public officers in the Office of the Attorney General shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Attorney General.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Auditor General	Public officers assigned to the National Audit Office.	Powers of Head of Department with respect to public officers in the National Audit Office shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Auditor General.
Commanding Officer, Armed Forces of Malta	Public officers assigned to the Armed Forces of Malta.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officers, or persons functioning in an equivalent capacity, of government agencies, government entities, or other public bodies other than Local Councils and other local government bodies, save those Chief Executive Officers listed elsewhere in this Schedule	Public officers assigned to the government agency or entity or other public body, other than Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers. Such instructions may require any Chief Executive Officer or person functioning in an equivalent capacity to keep the Permanent Secretary informed of disciplinary proceedings instituted by him against public officers.
Chief Executive Officer, Primary Health Care	Public officers performing duties in the field of primary health.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Mater Dei Hospital	Public officers performing duties at Mater Dei Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Karin Grech Rehabilitation Hospital	Public officers performing duties at Karin Grech Rehabilitation Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Chief Executive Officer, Mount Carmel Hospital	Public officers performing duties at Mount Carmel Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Central Procurement Supplies Unit	Public officers performing duties in the Central Procurement Supplies Unit.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Pharmacy of Your Choice	Public officers reporting to the Chief Executive Officer, Pharmacy of Your Choice.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, St Vincent de Paul Residence for the Elderly	Public officers performing duties at St Vincent de Paul Residence for the Elderly.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Gozo General Hospital	Public officers performing duties at Gozo General Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Medical Administrator, Sir Paul Boffa Hospital	Public officers performing duties at Sir Paul Boffa Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Commanders of Detention Centres	Public officers performing duties at each respective Detention Centre.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Human Resource Manager, Environmental Landscapes Consortium Limited	Public officers assigned to Environmental Landscapes Consortium Limited.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Officers in a supervisory capacity (with respect only to regulation 18 of S.L.Const.03)	Public officers under their charge.	—

Nru. 705

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2014
(File No. A392/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mosta:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 9,919-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta S.P. Nru. SMOSTA_ZOKRIJA_A392_97, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) Marie-Louise Coleiro Preca
President

L-10 ta' Lulju, 2014

No. 705

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2014

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land in Mosta:-

A plot of land measuring about 9,919 square metres, bounded on the North, West by Government property and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown marked in red on the plan S.P. No. SMOSTA_ZOKRIJA_A392_97, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Marie-Louise Coleiro Preca
President

10th July, 2014